MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 35/2014

**Mobisle Communications Ltd**

**(C 24655)**

**vs**

**Knott Keith Michael Junior**

**(ID 77209A)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-4 ta’ Frar 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat elef u disgha u sebghin euro u wiehed u sittin centezmu (€4,079.61) rapprezentanti ammont dovuti in konnessjoni mas-servizz 79231229 u mas-servizz 79795861 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz inkluz ta’ l-ittra ufficjali 1435/13 u bl-imghax mit-13 ta’ Gunju 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fil 21 ta’ Mejju 2014, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Msida, l-Ghassa tal-Pulizija gewwa Msida u fl-indirizz ta’ l-intimat (fol 15 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis 27 ta’ Mejju 2014 (fol 16) u fit-Times of Malta fl 4 ta’ Gunju 2014 (fol 18).

Illi fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2014 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 20).

Rat illi fis-seduta tas-23 ta’ Gunju 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma erbat elef u disgha u sebghin euro u wiehed u sittin centezmu (€4,079.61) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------